# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Awissu 2002**

**Rikors numru 386R/02**

**Numru 2**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1240/02 fl-ismijiet:**

**S C Xuereb Limited**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited, Steel Structures Company Limited u Raymond Gatt, Gatt Galea & Co bhala stralcarju appuntat mill-Qorti tas-socjeta GV Xuereb Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine wara li ppremetta illi l-esponenti huwa l-istralcarju appuntat mill-Onorabbli Qorti

sabiex jamministra l-proceduri ta' falliment tal-kumpanija G V Xuereb u rcieva dan il-mandat ta' sekwestru;

Illi preliminarjament dan il-mandat hareg abuzivament kontra l-esponenti peress illi l-esponenti biegh is-sehem li kellu fil-consortium u ghalhekk l-allegat dejn mhuwiex dovut minnu;

Illi di piu id-dejn huwa dovut mill-consortium u mhux minn GV Xuereb stante li ma kienetx GV Xuereb li ingaggat lis-socjeta intimata;

Illi di piu il-mandat in kwistjoni hareg abuzzivament u illegalment stante illi dan id-dejn ma jikkostitwix xi privilegg specjali fuq il-fondi li l-esponenti qieghed jigbor jew ghandu ghan-nom ta' GV Xuereb Limited u anke ghall-grazzja tal-argument jekk ikun hemm sentenza favur l-intimat l-esponenti l-ewwel ihallas skond il-Ligi minn ghandu d-dritt li jithallas l-ewwel u wara dejjem skond il-Ligi l-intimat jithallas jew pro rata jew kollu jew anke xejn u dan skond il-Ligi;

Illi l-esponenti qieghed jigi imfixkel jaghmel xogholu skond il-Ligi ghax meta jigi z-zmien sabiex jaghmel d-distribuzzjoni tal-fond minhabba dan il-mandat ser ikun impedut milli jaghmel hekk u l-

intimat ma jistax jippretendi xi drittijiet li ma ghandux b'effett ta' dan il-mandat;

Illi l-esponenti ser jaghmel d-distribuzzjoni skond il-Ligi u skond ma haqqu u skond il-Ligi l-intimat ser jiehdu bid-dritt;

Illi hija ghalhekk ghal kollox vessatarju, abbuz u bla bazi li l-intimat jzomm in vigore dan il-mandat kontra l-esponenti;

Ir-rikorrenti talab illi dan il-mandat fil-konfront tal-esponenti ghandu jigi revokat u dan abbazi tal-artikolu 836(b) (d) (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 19 u 20 tal-atti) u li biha gie sottomess minnha illi l-allegazzjoni li l-mandat ta' Sekwestru sar abusivament hi infondata, stante li s-socjeta' esponenti kkuntrattat mal-istess socjetajiet intimati dwar l-impjieg ta' project manager, u ghalhekk minhabba l-kwesit tal-integrita' tal-gudizzju, kien necessarju li t-tliet socjetajiet ikunu parti fil-proceduri.

Illi jekk s-socjeta' G.V. Xuereb Limited bieghet sehemha, dan sar ad insaputa tas-socjeta' mittenti u kemm il-darba ssir din il-prova, is-socjeta' esponenti tirregola ruhha.

Illi l-allegazzjoni li l-mandat sar b'vessazzjoni u b'abbuz hi manifestament infondata. Id-dejn, kif ammess mir-rikorrent hu dovut mill-consortium u ghalhekk it-tliet socjetajiet intimati huma solidalment responsabbli.

Illi l-mandat imsemmi b'ebda mod ma jistultifika l-operat ta' l-istralcjarju li ghandu r-rappresentanza guridika bil-ligi tas-socjeta li marret fi stralc; u f'dik il-kwalita irid jirrispondi ghall-pretensjonijiet li jsiru kontra dik is-socjeta'.

Illi jekk jirrizulta li s-socjeta' G.V. Xuereb Limited verament bieghet l-interessi taghha, billi s-socjeta' esponenti ma kienetx infurmata, m'ghandha tbati l-ebda spejjez.

Rat l-att kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-fatti in esami, jidher illi permezz tal-ftehim li sar fit-3 ta' Ottubru 2001, li kopja tieghu tinsab annessa a fol 22 u 23 ta' dawn l-atti, is-socjeta' GV Xuereb Limited soggetta ghal procedura ta' stralc quddiem il-Prim'Awla kienet giet awtorizzata minn din il-Qorti li ghadha kemm issemmiet sabiex tirtira mill-"Joint Venture" hemm imsemmija. Skond l-istess skrittura, l-obbligi kollha tal-istess "joint venture" kienu qed jigu assunti mis-shab l-ohra formanti parti ta' din (ara l-paragrafu 2 tal-istess skrittura a fol 22 ibid).

Illi fl-istess risposta sottomessa mis-socjeta' intimata jinghad testwalment "…. Jekk is-socjeta' G.V. Xuereb Limited bieghet sehemha dan sar ad insaputa tas-socjeta mittenti u kemm il-darba ssir din il-prova, is-socjeta' esponenti tirregola ruhha".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi pero fl-ahhar seduta mizmuma fil-15 ta' Lulju 2002, is-socjeta' intimata ma kienitx dehret sabiex jsiru s-sottomissjonijiet da parti taghha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rikorrenti nomine, inoltre, ghamel premessi u motivazzjonijiet addizzjonali billi kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2002, ghamel referenza ghall-artikoli 222, 223 u 224 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta (il-"companies Act" tal-1995).

Illi a basi ta' dik stipulat fl-artikoli 222 u 224 (2) gja citata, it-talba kif dedotta mill-istess rikors ghandha tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi, ma ingiebet ebda prova sabiex jista' jinghad u jigi decis illi dan il-mandat sar b'mod abbusiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa it-talba in esami u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1240/02 fl-ismijiet premessi, limitatament ghar-rikorrenti nomine. In rigward l-ispejjes kull parti tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur